MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru. 878/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**LORRAINE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorraine Vella, ta' 40 sena, bint missier mhux maghruf u Anna Borg xebba Vella, imwielda Pieta' nhar it-28 ta' Marzu 1972, residenti CCF u detentrici ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 223772M

Giet akkuzata talli nhar fit-22 ta' Mejju 2012 ghall-habta tas-13.30 ta' wara nofs inhar, gewwa l-Lock-up tal-Belt Valletta;

(i) Ingurjat, heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ wahda inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ WPC 35 Rosanne Mifsud, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li tkun qed taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(ii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna ikarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ WPC 35 Rosanne Mifsud, fil-waqt kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

(iii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat diversi offizi fuq il-persuna ta’ WPC 35 Rosanne Mifsud, liema offizi jitqiesu li huma hfief skond kif iccertifika Dr. Malcolm Paul Galea M.D. (Reg No: 3074);

(iv) U aktar talli rrendiet ruhha recidiva b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. KB7 u nnutat li l-imputata Lorraine Vella m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatgha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-

ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Rat l-artikoli 17, 31, 95(1), 96, 221, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Lorraine Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, tikkundanna lill-imsemmija imputata Lorraine Vella ghall-piena komplessiva ta' elf Ewro (Ewro 1,000) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Lorraine Vella b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li zzomm il-kwiet ma' WPC35 Rosanne Mifsud ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------